MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

20 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
JOHN DEBONO – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sur Mark Anthony Spiteri li talab jiġi skużat minħabba mpenji ta' xogħol u s-Sur John Debono li kien għadu ma wasalx u peress li kien għadu maqbud fuq xi ħag'oħra talab jiġi skużat.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Mark Anthony Spiteri. Jekk is-Sur Debono ma jilħqax jiġi se tintalab ittra t'apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

50.3.1 Akwadott – wara li fl-aħħar żewġ laqgħat kien hemm diskussjoni fuq bini biswit l-akwadott kienet intbagħtet imejl lill-Transport Malta għar-rigward ta' kif kienet proposta li tinbena t-triq. Transport Malta hi kontra li tinbena t-triq kif proposta w'għaldaqstant il-Perit għandu jitfa' l-*objection* skont it-risposta ta' TM.

50.3.2 Annibale Preca – Li l-Kunsill Lokali Lija propona li Triq Annibale Preca tiġi *one*-way minn fuq u l-vetturi jinżlu l-isfel biss minn kantuniera ma' Triq Kananea sa Ħal-Balzan. Is-Sur Cordina wera kif ġej il-flow tat-traffiku fuq *projector* u kif din is-sistema jekk tiġi mplimentata ħa taffettwa ħażin lir-residenti. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-anqas missu biss inħareġ permess anka jekk b'perjodu ta' prova sakemm tinfetaħ Triq Lorenzo Manche'. Is-Sur Cordina li ma nistgħux nitfgħu ħatab fin-nar u jitpoġġew f'diffikuta' r-residenti tal-area Żnuber/Ponsjetta. Wara li d-diskussjoni kompliet ġie maqbul mill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jikteb lill-Kunsill Lokali Lija li ma jaqbilx mas-sistema hekk kif proposta.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

50.4.1 Is-Sur Alfred Zammit:

- semma l-iskips ta' ħdejn il-Knisja li huma eyesore. Is-Sur Cordina qal li dan l-item iddiskutejnieh diversi drabi imma kulħadd jaf li hemm diffikulta' biex jitneħħew jew isiru post ieħor. Hu qal li tal-ħwienet ma jridux iħallsu jekk xi ħadd għandu xi post differenti jew xi alternattiva hu lest jikkunsidrahom. Is-Sur Cassar qal li hu personali ma jogħġbuhx imma x'tagħmel ma tantx hemm olternattivi. Is-Sinjura Scerri qalet li jistgħu jintefgħu fil-ġardina fejn bħalissa hemm ġebel u siġar nexfin. Is-Sur Cassar qal li dik ħa tittranġa għax hemm proġett ieħor pjanat għal dik l-area imma wieħed wara l-ieħor u tittranġa wkoll u meta jkun il-waqt tinħaseb soluzzjoni għal din il-problema. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar weħel spiża biex kull darba li jakkumulaw boroż madwar l-iskips imur jiġbor. Il-Kunsill tagħna ma jaffordjax

jagħmel l-istess.

- Is-Sur Zammit qal ukoll li Triq il-Pitkali ilha ma tinkines. Is-Sur Cordina qal li mhux ilha ma tinkines imma qed tinkines u jerġa' jintela' kullimkien.

50.4.2

Is-Sur Ralph Cassar:

- Talab lis-Segretarju Eżekuttiv tgħid kif marru l-offerti tal-aħħar żewġ tenders. Hi qalet li l-proċess tat-tendering hu magħluq kompletament u t-tenders ingħataw kif ġej:

  Gonna: Charles Mifsud
  Latrini: Joseph Farrugia

  Il-Kuntratt beda fil-11 ta' Marzu.

  Qal li hemm bżonn jibda minn Triq B'Kara, Triq Santa Katerina, Masġar Pierre Muscat, Ġnien Spatafora hemm awrikarja niexfa, hemm bżonn bastun ħdejn il-Bir tal-flettijiet tal-Gvern, pots biex jinbidlu l-pjanti li mietu. Hu talab biex isir appuntament mal-Urban Ecologist Dr. Eman Calleja

- Saqsa wkoll fuq il-*bikeracks* jekk waslux. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tiċċekkja għax kien fadal biss xi 4 x'jaslu.

50.4.3

Is-Sinjura Connie Scerri:

- Saqsiet fuq il-*bus shelters*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm applikazzjoni għall-bosta *bus shelters* u li beda l-proċess mal-MEPA ta' xi wħud. Hemm lista ta' prijorita' li Faces ha jimxu fuqha.
- Li hemm proposta fuq skultura tal-iskultur Sammut. Galadarba m'hemm xejn x'jintilef il-Kunsill qabel li din issir fil-lokalita'
- Li meta jkun hemm żbir ta' siġar jiġi kkonsultat Dr. Eman Calleja.
- Talbet biex meta jmorru jikinsu Triq ir-Rand imorru kmieni u li hemm randa marida fl-istess triq.
- Saqsiet fuq il-parking bays minħabba xi lment li kellha u ġie spjegat lilha li dawn huma biss indikatorji.
- Li kien hemm talba għall-isleeping policeman fi Triq Antoniio Schembri. Is-Sur Cordina qal li din il-proposta ġa ġiet mgħoddija lil Transport Malta imma l-options li tawna mhux tajbin.

50.4.4

Is-Sur Ray Azzopardi;

- saqsa fuq jekk kienx hemm żviluppi fuq Triq Victor Vassallo/Linja rigward iż-żebra crossing. Is-Sur Cordina qal li le.

## 50.5 Għażla ta' operator għas-sistema ta' Ġbir ta' Skart Riċikklabbli

50.5.1 Is-Sur Cordina qal li bażikament iż-żewġ operaturi taw l-istess proposti ħlief li Greenpak

ippropona li l-konteorituri jinbidlu għall-ibins li huma Sistema elettronika differenti. Barra minn hekk Greenpak inaddaf l-iskart madwar is-site hu u Green MT qed jitolbu li jitnaddaf mill-Kunsill. Is-servizz ta' Greenpak dejjem kien wieħed impekkabbli .

Is-Sur Cassar qal li l-aħjar nibqgħu l-istess u niftehmu fuq skemi bħal Eko Festa, *cameras, etc.* xorta hemm lok għall-improvement imma dejjem konna sodisfatti.

Kulħadd qabel li bħalha operatur jerġa' jinħatar Greenpak

## 50.6 Rapporti

50.6.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 50.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

50.7.1 Petizzjoni min-numru ta' residenti fuq bidla minn Warehouse fi Triq il-Ħafur għall-uffiċċini u żewġ kumpaniji. Is-Sur Mangion qal li dan il-post kien tiegħu imma issa jinsab mibjugħ w'għaldaqstant m'hemmx konflitt ta' interess
Kulħadd qabel li l-petizzjoni tintbagħat lill-Perit u jara jekk hemmx lok għall-oġġeżżjoni dwar jekk l-area hix residenzjali jew mixed use.

50.7.2 Il-Kunsill qabel li jsiru l-korsijiet tar-Robotica, Coding and Artificial Intelligence għall-ammont ta' €2000 it-tlett korsijiet.

50.7.3 Suġġeriment mis-Sinjura Sandra Mallia biex isir *free circular transport.* Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li dan isir, imma jsir biss jekk jistabu fondi taħt xi skema.

50.7.4 Preżenta wkoll rapport ta' laqgħa li kellu f'Diċembru mal-kumpanija ACT rigward xi donazzjoni ta' sigar. Il-Kunsill għandu jiċċekkja fuq liema parti tal-art biswit Monte Carmeli mhix mikrija lil xi terzi.

50.7.5 Saret talba għall-approvazzjoni tat-Teleworking tas-Sinjura Yanica Sammut kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex it-tnejn li huma jlaħħqu mat-tfal ta' etajiet żgħar qabel ma jibdew u ħin x' jispiċċaw l-iskola kif ukoll l-iktar meta jkunu morda. Dan it-telework qed jintalab meta jkun neċessarju biss u jista' jagħti l-każ li jekk ikun hemm minn iżomm lit-tfal dawn idumu iktar fuq il-post tax-xogħol. Is-Sur Zammit qal li sakemm ma jkunx hemm premessa li jsir abbuż m'għandux oġġezzjoni. Kulħadd qabel u ġie approvat.

50.7.6 Talba għall-approvazzjoni ta' Data Protection Consultant. Is-Sur Stefan Cordina qal li qabel ma jipproċedi għandu jiċċekkja mar-Reġjun jekk hux se tinħareg sejħa għan-nom tal-Kunsilli kollha.

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

50.8.1 Approvata.

## 50.9 Mozzjonijiet; u

50.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 50.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata għal 23 ta' April 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 23 ta' April 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv